**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 23 ta' Novembru, 2016**

**Avviz Nru: 24/2003 MLF**

**Mary Zammit u b'digriet tal-1 ta' Frar 2010 l-gudizzju gie trasfuz f'isem Alfred Enrico Zammit, Maria Scicluna, Carmen Cooper u Jennifer Azzopardi stante illi Mary Zammit mietet fil-mori tal-kawza**

**Vs**

**Charles Galea u b'digriet tat-3 ta' Gunju, 2003 giet kjamata in kawza is-socjeta' Trois Amis Limited**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat l-avviz tal-attrici – kif korrett b'digriet tal-11 ta' Mejju 2005 - fejn talbet sabiex il-konvenut Charles Galea jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' erbat elef u seba' mitt lira Maltin (Lm4,700) rapprezentanti *estate agency fees* lilha dovuti u wkoll bhala depozitu moghti akkont tal-prezz, kif obbligaw ruhhom li jghamlu (sic) fi skrittura privata tal-25 ta' Novembru 1998, kif prorogat bl-iskrittura tal-21 ta' Gunju 1999 rigwardanti t-trasferiment

tal-fond numru tnejn (2) formanti parti minn blokka appartamenti enumerata sittin (60) fi Triq San Duminku, Sliema.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tal-10 ta' Jannar, 2002 u l-imghax legali sal-jum tal-pagament effettiv kontra l-konvenut minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Charles Galea fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjes kontra l-attrici u dan ghas-segwenti ragunijiet.
2. Illi fl-ewwel lok m'hemmx relazzjoni guridika bejn il-partijiet u dan stante illi l-iskrittura privata citata mill-attrici fl-avviz kienet giet iffirmata mas-socjeta' Trois Amis Limited u mhux mal-konvenut fil-kwalita' tieghu personali.
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-attrici qatt ma tat is-servizz ta' sensar la lill-konvenut f'ismu personali u lanqas lis-socjeta' imsemmija Trois Amis Limited u ghalhekk it-talba taghha hija infondata u ghandha tigi rigettata.
4. Illi l-imsemmija skrittura tal-25 ta' Novembru 1998 kienet konvenju illi kien gie ffirmat bejn is-socjeta' Trois Amis Limited u Alfred Zammit li kien qieghed jidher ghan-nom ta' ommu l-attrici. Ai termini tal-imsemmi konvenju s-socjeta' Trois Amis Limited intrabtet illi tbiegh u titrasferixxi lill-attrici li ntrabtet illi tixtri l-fond konsistenti f'appartament internament enumerat tnejn formanti parti minn blokk appartamenti numru 60 Triq San Duminku Sliema, kif deskritt ahjar fl-istess konvenju.
5. Illi minkejja illi l-imsemmi konvenju gie mgedded kemm-il darba u minkejja illi permezz ta' ittra ufficjali l-attrici giet interpellata sabiex tersaq ghall-att finali hija naqset milli tidher u ghalhekk il-konvenju skada.
6. Illi mhux minnu illi l-konvenju kien jipprovdi ghall-hlas ta' estate agency fees.
7. Illi bbazat fuq is-suespost it-talbiet attrici ghandhom jigu rigettati bl-ispejjes u dan stante illi qatt ma jista' jkun dovut senserija lill-wiehed mill-partijiet f'kuntratt ta' bejgh u dan billi s-sensar bil-fors illi jrid jkun terza persuna, u inoltre qatt ma jista' jkun hemm senserija dovuta meta l-kuntratt ta' bejgh ma jkunx sar.
8. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-attrici ghandha tindika kif waslet ghas-somma mitluba ta' Lm4,700.
9. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat illi permezz ta' digriet tat-3 ta' Gunju 2003 il-Qorti laqghet it-talba tal-attrici sabiex tigi kjamata in kawza tas-socjeta' Trois Amis Ltd.[1]

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' kjamata in kawza Trois Amis Ltd fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjes kontra l-attrici u dan ghas-segwenti ragunijiet.
2. Illi l-attrici qatt ma tat s-servizz ta' sensar lis-socjeta' esponenti u ghalhekk it-talba taghha hija nfondata u ghandha tigi rigettata.
3. Illi l-imsemmija skrittura tal-25 ta' Novembru 1998 kienet konvenju illi kien gie ffirmat bejn is-socjeta' Trois Amis Limited u Alfred Zammit li kien qieghed jidher ghan-nom ta' ommu l-attrici. Ai termini tal-imsemmi konvenju s-socjeta' Trois Amis Limited intrabtet illi tbiegh u titrasferixxi lill-attrici li ntrabtet illi tixtri l-fond konsistenti f'appartament internament enumerat tnejn formanti parti minn blokk appartamenti numru 60 Triq San Duminku Sliema, kif deskritt ahjar fl-istess konvenju.
4. Illi minkejja illi l-imsemmi konvenju gie mgedded kemm-il darba u minkejja illi permezz ta' ittra ufficjali l-attrici giet interpellata sabiex tersaq ghall-att finali hija naqset milli tidher u ghalhekk il-konvenju skada.
5. Illi mhux minnu illi l-konvenju kien jipprovdi ghall-hlas ta' estate agency fees.
6. Illi bbazat fuq is-suespost it-talbiet attrici ghandhom jigu rigettati bl-ispejjes u dana stante illi qatt ma jista' jkun dovut senserija lill-wiehed mill-partijiet f'kuntratt ta' bejgh u dana billi s-sensar bil-fors illi jrid jkun terza persuna, u inoltre qatt ma jista' jkun hemm senserija dovuta meta l-kuntratt ta' bejgh ma jkunx sar.
7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-attrici ghandha tindika kif waslet ghas-somma mitluba ta' Lm4,700.
8. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat illi fl-11 ta' Mejju 2005 l-Qorti laqghet it-talba tal-attrici ghal korrezzjoni fit-talba taghha fl-avviz promotur fis-sens li jizdiedu l-kliem wara l-kliem 'lilha dovuti' is-segwenti, 'u ukoll

[1] Ara d-digriet a fol. 33 tal-process.

bhala depozitu moghti akkont tal-prezz.'[2] Rat li fl-istess digriet il-Qorti ordnat in-notifika tal-avviz kif korrett lill-konvenut, li gie notifikat fil-25 ta' Mejju 2005. Mill-atti ma jirrizultax li is-socjeta kjamata in kawza giet ufficjalment notifikata bl-avviz kif korrett.

Rat li b'digriet tat-12 ta' Lulju 2005, din il-Qorti cahdet ir-rikors tal-konvenuti (sic) tal-20 ta' Mejju 2005, sabiex tirrevoka *contrario imperio* id-digriet taghha tal-11 ta' Mejju 2005 u dana billi tichad it-talba tal-atturi (recte attrici) ghall-korrezzjoni fl-avviz. Pero din il-Qorti awtorizzat lill-konvenut-intimat sabiex jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri sas-seduta tas-7 ta' Novembru 2005 bil-visto tal-kontro-parti.[3]

Rat li l-konvenut ma ipprezentax nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri, pero giet prezentata nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri mis-socjeta' kjamata in kawza, Trois Amis Ltd. fejn eccepiet:

1. Illi fl-ewwel lok l-attrici ghandi tindika liema parti mis-sommaa illi qed titlob jirrapresenta "estate agency fees" u liema parti jirrapresenta d-depozitu.
2. Illi t-talbiet attrici kif korretti ai termini tad-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti tal-11 ta' Mejju 2005 huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjes u illi l-attrici m'ghandhiex dritt ghar-rifuzzjoni tad-depozitu moghti akkont tal-prezz billi skond il-ftehim dan id-depozitu kien non-refundable.
3. Illi minghajr preguddizzju ghas-suespost fi kwalunkwe kaz it-talba ghar-rifuzzjoni tad-depozitu moghti akkont tal-prezz, hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

[2] Ara d-digriet a fol. 33 tal-proces.
[3] Ara r-rikors u digriet a fol. 40-41 tal-process.

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti :

1. Fil-25 ta' Novembru 1998 sar konvenju bejn is-socjeta' kjamata in kawza Trois Amis Ltd u Alfred Zammit bhala prokuratur generali ta' ommu l-attrici, Mary Zammit, sabiex tixtri il-fond numru 2, formanti parti minn blokk ta' appartamenti enumerata sittin (60), fi Triq San Duminku, Sliema.[4]
2. Fuq il-konvenju, il-prezz tal-bejgh kellu jkun LM 42,500, *« payable as to four thousand two hundred and fifty Maltese liri (Lm4,250) presently with this agreement by way of deposit on account of the said purchase price, and Vendor Company tenders due receipt thereof, and as to the balance concurrently with the publication of the final deed. »*
3. Klawsola numru 5 tal-konvenju kienet tghid hekk: « The Purchasers reserve unto themselves the right to be substituted by third parties on the final deed. »
4. Il-validita' tal-konvenju kien ta' erba' (4) xhur.
5. Il-konvenju gie mgedded fil-25 ta' Marzu 1999 ghal tlett xhur ohra minn din id-data. Dan it-tigdid sar ghal konsiderazzjoni li l-attrici thallas Lm500.00, liema ammont kellu jithallas mal-pubblikazzoni tal-kuntratt ta' bejgh finali.[5]
6. Fil-21 ta' Gunju 1999 il-konvenju rega' gie mgedded sal-14 ta' Awwissu 1999, u dana b'kundizzjoni illi l-attrici thallas imghax ta' 9.25% *per annum* lis-socjeta kjamata in kawza mis-26 ta' Gunju 1999 sad-data tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt finali.[6]
7. Il-kuntratt finali ta' bejgh baqa' ma sarx mal-attrici.
8. L-attrici ireceviet ittra ufficjali tintimaha sabiex tersaq ghal publikazzjoni tal-kuntratt,[7] pero din l-ittra ufficjali ma giet ezebita minn hadd mill-partijiet, u allura l-Qorti ma tivverifika d-data ta' meta ntbaghtet u d-data tan-notifika.
9. Alfred Zammit xehed li sab terza persuna, certu Marco Vella, sabiex jixtri l-post minflok ommu, l-attrici, peress li l-kundizzjoni ta' sahha tal-attrici ma kienux jippermettulha li tghix wahedha. Fil-fatt Marco Vella xtara l-post in kwistjoni.

---

[4] Ara kopja tal-konvenju a fol. 63-64 tal-process.
[5] Ara l-proroga ulterjuri ddata 25 ta' Marzu 1999 a fol. 66 tal-process.
[6] Ara x-xhieda ta' Alfred Zammit a fol. 55 tal-process.
[7] Ara x-xhieda ta' Alfred Zammit a fol. 55 tal-process.

Zammit xehed li hu talab lil Marco Vella jirrifondilu d-depozitu, pero dan qatt ma gie lura. Inoltre, Zammit qed jippretendi « commission » ta' dan il-bejgh[8]

10. Min-naha l-ohra, Mark Vella cahad illi Alfred Zammit ressqu lejn xi hadd sabiex jixtri l-post in kwistjoni, u qal li hu xtara l-post minghand Paloma Development Ltd.[9]

11. Fil-fatt jirrizulta li s-socjeta' kjamata in kawza ttrasferiet il-fond in kwistjoni lil Paloma Development Ltd[10] fit-8 ta' Frar 2000.[11]

12. Illi s-socjeta' kjamata in kawza qatt ma rceviet ittra ufficjali minghand l-attrici sabiex tirrifondi d-depozitu.[12]

13. Joseph Serge u Emanuel Vella, zewg diretturi fis-socjeta' kjamata in kawza qalu li kien hemm a gentleman's agreement illi d-depozitu kien se jintilef favur tas-socjeta' kjamata in kawza jekk l-attrici ma tidhirx ghall-att finali.[13] Id-direttur l-iehor tas-socjeta kjamata in kawza kien il-konvenut Charles Galea. Hu xehed li l-ftehim ma' Alfred Zammit bhala prokuratur tal-attrici kien li jekk l-attrici tonqos li tidher fuq il-kuntratt finali, id-depozitu kien jintilef.[14]

14. In-Nutar Coppini qal is-segwenti rigward id-depozitu : « Jidhirli li sar diskors man mano li kien ghaddej il-konvenju bejn il-partijiet involuti illi l-flus depozitati setghu jigu forfeited, jekk niftakar sew xi hadd qal li kienu nbidlu c-cirkostanzi. »[15]

15. Is-socjeta kjamata in kawza bdiet il-process li tigi likwidata b'effett mill-31 ta' Dicembru 2005, u gie appuntat stralcatarju.[16]

**Kunsiderazzjonijiet ta' din l-Qorti**

Il-konvenut u s-socjeta kjamata in kawza qajmu diversi eccezzjonijiet, anke ta' natura preliminari, li din il-Qorti se tghaddi biex tikkonsidra.

[8] Ara x-xhieda ta' Alfred Zammit a fol. 55 tal-process.
[9] Ara x-xhieda ta' Mark Vella a fol. 90 tal-process.
[10] Ara l-affidavit ta' Charles Galea a fol. 144-145 tal-process.
[11] Ara l-kuntratt ta' bejgh mmarkat bhala Dok CG 1 a fol. 146-148 tal-process.
[12] Ara l-affidavit ta' Charles Galea a fol. 145 tal-process.
[13] Ara x-xhieda ta' Emanuel Vella a fol. 162 tal-process u x-xhieda ta' Joseph Serge a fol. 167 tal-process.
[14] Ara affidavit ta' Charles Galea a fol. 144 tal-process.
[15] Ara x-xhieda tan-Nutar Marco Coppini a fol. 171 tal-process.
[16] Ara affidavit ta' Nathalie Farrugia, rapprezentata tal-Malta Financial Services Centre (MFSA) a fol. 84 tal-process.

*<u>L-Ewwel Eccezzjoni tal-Konvenut Charles Galea – nuqqas ta' Relazzjoni Guridika mal-Attrici</u>*

Il-konvenut Charles Galea eccepixxa fl-ewwel lok m'hemmx relazzjoni guridika bejn il-partijiet u dan stante illi l-iskrittura privata citata mill-attrici fl-avviz kienet giet iffirmata mas-socjeta' Trois Amis Limited u mhux mal-konvenut fil-kwalita' tieghu personali.

Fl-ewwel lok mill-iskrittura privata ossia konvenju in kwistjoni, jirrizulta li il-konvenut Galea kien deher bhala wiehed mid-diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta venditrici Trois Amis Limited – is-socjeta kjamata in kawza – Alfred Zammit, il-prokuratur generali tal-attrici jghid hekk : *« In rigward il-konvenju, jiena n-negozjati zvolgejthom jiena stess personalment. Naqbel illi n-negozjati saru ma' Charles Galea, mhux personalment, izda bhala direttur tas-socjeta kjamata in kawza. Fil-fatt il-konvenju kien gie ffirmat f'isem l-istess kumpanija kjamata in kawza. »*[17]

In vista tas-suespost, ma hemmx dubbju li din l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut Charles Galea hija gustifikata, u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

*<u>It-Tieni Eccezzjoni fin-Nota ta' Eccezzjonijiet tas-Socjeta Kjamata in Kawza - It-talba attrici ghal Estate Agency Fees hija infondata</u>*

Fit-tieni eccezzjoni taghha, is-socjeta kjamata in kawza eccepiet li l-attrici qatt ma tatha servizz ta' sensar, u ghalhekk it-talba taghha hija nfondata u ghandha tigi rigettata.

It-tifel tal-attrici, Alfred Zammit, li kien ukoll prokuratur generali tal-attrici ikkjarifika waqt ix-xhieda tieghu li n-negozjati ghax-xiri tal-bejgh in kwistjoni ghamilhom hu personalment. Hu qal li l-ammont ta' Lm4,700 pretiz fl-avviz, huwa pretiz minnu – recte minn ommu l-attrici - bhala rifuzjoni tad-depositu imhallas fuq il-konvenju biss.

Pero Alfred Zammit xehed li hu kien qed jippretendi « commission » presubilment minghand is-socjeta kjamata in kawza, ghax hu kien sab lil Marco Vella sabiex jixtri l-fond in kwistjoni

---

[17] Ara xhieda ta' Alfred Zammit a fol. 56 tal-process.

minflok ommu. Issa wahda mill-klawzoli tal-konvenju tghid is-segwenti : « *The Purchasers reserve unto themselves the right to be substituted by third parties on the final deed.* »[18]

Issa apparti l-fatt li Marco Vella innega bil-gurament li Alfred Zammit kien introducieh ma xi hadd biex jixtri l-fond minflok l-attrici, fuq il-konvenju, is-socjeta kjamata in kawza kienet tat il-kunsens taghha sabiex l-attrici tassenja d-drittijiet taghha taht il-konvenju lil terzi persuni. Din il-koncessjoni saret fl-interess tal-attrici. Ghalhekk, se mai, il-pretensjoni tal-attrici ghal estate agency fees ossia "commission" kellha tkun diretta kontra Marco Vella - li ma kienx parti f'dawn il-proceduri – u mhux kontra s-socjeta kjamata in kawza.

Inoltre, din il-Qorti ghandha d-dubbji taghha kemm l-attrici utilizzat din il-klawsola fil-konvenju, biex Marco Vella jixtri l-fond minflokha, u dan ghaliex skond ix-xhieda mhux kontestata tad-diretturi tas-socjeta kjamata in kawza, huma kienu baghtu lill-attrici ittra ufficcjali sabiex tersaq ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt. Kieku l-attrici kienet diga assenjat id-drittijiet taghha lil Marco Vella qabel skada il-konvenju, is-socjeta kjamata in kawza ma kienx ikollha raguni ghalfejn tinterpellaha biex tersaq ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt. Fil-fatt mill-provi jirrizulta li s-socjeta kjamata in kawza bieghet il-fond in kwistjoni lil Paloma Development Ltd. Fit-8 ta' Frar 2000 – cioe kwazi sitt (6) xhur wara li skada l-konvenju - u skond ix-xhieda mhux kontradetta ta' Marco Vella, hu xtara l-fond in kwistjoni minghand Paloma Development Ltd.

Dan apparti l-fatt, li ma ngabitx l-icken prova ta' x'hix kien l-involviment ta' Alfred Zammit ghan-nom ta' ommu, l-attrici, sabiex Marco Vella xtara il-post in kwistjoni minflok l-attrici.

Fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti ma tistax tara kif it-talba tal-attici ghal estate agency fees tista' tigi milqugha.

---

[18] Ara l-konvenju a fol. 64 tal-process.

*<u>It-Tielet Eccezzjoni fin-Nota ta' Eccezjonijiet Ulterjuri tas-Socjeta Kjamata in Kawza – Il-Preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili fir-rigward tat-talba ghar-rifuzjoni tad-depozitu</u>*

F'din it-tielet eccezzjoni ulterjuri taghha, s-socjeta' kjamata in kawza eccepiet illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet moghtija qabel, fi kwalunkwe kaz, it-talba ghar-rifuzjoni tad-depozitu moghti akkont tal-prezz hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili

L-Artikolu 2156(f) jippreskrivi hekk:
*« L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*
… …
*(f) L-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;"*

Mill-fatti suesposti jirrizulta li l-konvenju, kif sussegwentement imgedded, skada fl-14 ta' Awwissu 1999. Charles Galea xehed li is-socjeta kjamata in kawza, li taghha kien direttur, qatt ma irceviet xi ittra ufficjali minghand l-attrici fejn talbitha tirrifondilha d-depozitu imhallas fuq il-konvenju.[19] Joseph Serge, li wkoll kien direttur tas-socjeta kjamata in kawza, ukoll xehed li safejn jaf hu qatt ma tbaghtet xi ittra ufficjali sabiex id-depozitu jigu moghti lura.[20]

Illi l-kawza odjerna giet intavolata fit-13 ta' Jannar 2003, fejn l-attrici originarjament talbet biss il-hlas ta' estate agency fees. B'digriet tal-10 ta' Mejju 2005, din il-Qorti kienet awtorizzat li fl-avviz promotur jizdiedu l-kliem, *« …u ukoll bhala depozitu moghti akkont tal-prezz. »*, u ordnat in-notifika tal-avviz kif korrett. Mill-atti ma jidhirx li s-socjeta kjamata in kawza giet ufficjalment notifikata b'dan l-avviz kif korrett, izda l-konvenut Charles Galea, li kien ukoll direttur tas-socjeta kjamata in kawza gie notifikat fil-25 ta' Mejju 2005. Is-socjeta' kjamata in kawza pprezentat nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri fl-1 ta' Settembru 2005, fejn *inter alia* eccepiet il-preskrizzjoni fir-rigward tat-talba ghar-rifuzjoni tad-depositu.

---

[19] Ara xhieda tal-konvenut Charles Galea a fol. 145 tal-process.
[20] Ara xhieda ta' Joseph Serge a fol. 168 tal-process.

Anke jekk fl-ahjar ipotesi ghall-atturi, din il-Qorti kellha tiehu bhala d-data tan-notifika tal-avviz kif korrett lis-socjeta kjamata in kawza bhala l-25 ta' Mejju 2005, huwa car li bejn l-14 ta' Awwissu 1999 - id-data li fiha skada l-konvenju - l-25 ta' Mejju 2005, id-data li fiha s-socjeta kjamata in kawza intalbet b'mezz gudizzjarju tirrifondi d-depozitu, ghaddew aktar minn hames snin.

Konsegwentement, din l-eccezzjoni ulterjuri tas-socjeta kjamata in kawza hija gustifikata stante li t-talba ghar-rifuzjoni tad-depozitu hija preskritta.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti :

1. Tilqa' it-tieni eccezzjoni tal-konvenut Charles Galea, fil-waqt li tiddikjara li hu mhux legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri, tilleberah mill-osservanza tal-gudizzju ;
2. Tilqa' t-tieni eccezzjoni tas-socjeta kjamata in kawza, u tichad it-talba attrici in kwantu talbet estate agency fees minghand is-socjeta kjamata in kawza; u
3. Tilqa' it-tielet eccezzjoni ulterjuri tas-socjeta kjamata in kawza, u tiddikjara li t-talba tal-attrici ghar-rifuzjoni tad-depozitu moghti akkont tal-prezz fuq il-konvenju tal-25 ta' Novembru 1998 hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta), u ghaldaqstant tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba.

L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu subiti mill-atturi.

**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**